MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 39/2010

**Socjeta GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**William Caruana (ID No.309942M) ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-Socjeta' kummercjali**
**Pyramid Hotels Limited (C 16361)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas ta' sitt elef, tlett mija tlieta u tmenin Euro hamsa u hamsin centezmu (€6,383.55) bilanc ta' somma akbar rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 21371716, 21371783, 21371805, 21373339, 21373349, 21373357, 21373366 u 21373391 dana skond ma kif jidher mill-prospett anness mar-rikors u markat Dok A.

Bl-ispejjez u drittijiet tar-rikors, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut nomine mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-15 ta' Frar 2005, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat 'A', a fol 2 sa fol 106 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut nomine jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut nomine naqas u ma deherx fid-19 ta' Jannar 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €6,383.55 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittjiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------